**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nħar it-Tlieta 27 ta` Marżu, 2018**

**Talba Nru: 881/2015PA**

**Charles Grech & Co Ltd**

**vs**

**ILM Limited, Ivan Lanzon Miller u Amanda Savona**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-13 ta` Novembru 2015 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuħa s-somma ta` elf, ħames mija, wieħed u erbgħin Ewro, wieħed u erbgħin ċenteżmu (€1,541.41ċ) rappreżentanti prezz ta` xorb u oġġetti oħra mibjugħa u konsenjati lill-istess konvenuti, bl-ispejjeż u bl-imgħax ulterjuri skond l-ogħla rata permessa mil-liġi sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenuti, debitament notifikati bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, ma ppreżentawx Risposta.

Ra t-traskrizzjoni tax-xiehda ta` **Mark Tanti**[1], prodott mis-soċjeta` attriċi, li spjega li l-ammont mitlub f'din l-kawża huwa dovut lis-soċjeta` attriċi bi prezz ta` xorb u oġġetti oħra mibjugħa u konsenjati lill-konvenuti. Huwa ppreżenta rendikont tal-ħlas

mitlub, flimkien mal-fatturi imsemmija fih, u spjega li fil-5 ta` Frar 2014, kien ġie ffirmat ftehim dwar il-pagament mitlub minn Ivan Lanzon Miller u Amanda Savona, li permezz tiegħu Lanzon Miller aċċetta d-debitu bħala debitur prinċipali u Amanda Savona daħlet garanti għalih.

Ra d-dokumenti ppreżentati mix-xhud, senjatament (i) *Statement of Account* u l-fatturi individwali imsemmija fih, Dok. CG1, fol. 31 sa 41); (ii) *Credit Application* (Dok. CG2, fol. 42); u (iii) kopja konfermata mix-xhud Mark Tanti tal-*Credit Agreement* datat 5 ta` Frar 2014 li jidher iffirmat mill-konvenut Lanzon Miller personalment u in rappreżentanża tal-kumpanija konvenuta ILM Limited, u mill-konvenuta Amanda Savona personalment bħala garanti (Dok. CG3, fol. 30). Bis-saħħa ta` dan il-ftehim, il-konvenut Lanzon Miller intrabat li jħallas l-ammont dovut mill-kumpanija rappreżentata minnu, solidalment magħha, lis-soċjeta` attriċi.

Ra li din il-kawża kienet differita diversi drabi għall-probabbli ċessjoni wara li dan it-Tribunal ġie infurmat mis-soċjeta` attriċi li kienet qed tirċievi pagamenti mingħand il-konvenuti akkont tal-ħlas mitlub minnħa f'din il-kawża.

Ra li fl-udjenza tat-tmienja u għoxrin (28) ta` Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018), is-soċjeta` attriċi ppreżentat nota ta` riduzzjoni tal-ħlas mitlub minnħa b'din il-kawża, li permezz tagħha rriduċiet it-Talba tagħha għas-somma ta` mija, wieħed u disgħin Ewro, wieħed u erbgħin ċenteżmu (€191.41ċ).

Ra li fl-istess udjenza, is-soċjeta` attriċi ppreżentat Kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenuti, li bih riedet tipprova bil-ġurament tagħhom li huma debituri tagħha fis-somma kif imnaqqsa, u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż.

Ra li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tallum għas-subizzjoni tal-konvenuti.

---

[1] Ara xiehda, 30.5.2016, fol. 28 sa 29

Ra li, minkejja dan, baqa' ma deher ħadd mill-konvenuti biex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilhom in subizzjoni, u biex jikkontesta l-kawża.

Qies għalħekk dan il-Kapitolu bħala moqri u mistqarr.

Iqis li s-soċjeta` attriċi pprovat it-talba tagħha, fuq bilanċ ta` probabilitajiet, fil-kontumaċja tal-konvenuti.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jħallsuha s-somma ta` mija u wieħed u disgħin Ewro, wieħed u erbgħin ċenteżmu (€191.41ċ), bl-ispejjeż u bl-imgħax kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**